# Qorti Civili - Prim' Awla

**Imhallef : Onor. Dr. Gino Camilleri LL.D.**

**Seduta tat-8 ta' Gunju 2001**

**Citazzjoni numru l555/92 GC**

**Victor Camilleri u Nathalie Pace ghan-nom u in rapprezentanza ta' Natvic Lifts & Services Limited**

**vs**

**Paul Tabone**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi nomine ppremettew:-

Illi l-konvenut ghandu jaghti lill-atturi nomine is-somma ta' Lm1224.60 (elf mitejn u erba u ghoxrin lira u sittin centezmu) bhala bilanc ta' prezz ta' servizzi ta' manutenzjoni ta' lift skond l-istatement hawn anness (Dok.A);

Illi interpellat sabiex ihallas il-konvenut baqa inadempjenti, u

Illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut;

Ghalhekk l-atturi nomine talbu li il-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1) taqta l-kawza ai termini tal-Art. l67 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili u cioe bid-dispensa tas-smiegh;

2) tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1224.60 bhala bilanc ta' prezz ta' servizzi ta lift kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Jannar, l992 u tal-Mandat ta' Impediment ta Safar kontra persuna pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi l-ammont pretiz ma huwiex dovut minnu billi l-kuntratt sar mas-socjeta APS Limited li ittrasferiet u assumiet id-debitu Emanuele Delicata Limited;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn gie eccepit illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni minnu sollevata huwa jecepixxi f'dan l-istadju li l-azzjoni tal-atturi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148 tal-kodici Civili li jiffissa it-terminu ta' tmintax il-xahar (18) ghall-persuni li jezercitaw "mechanical art, for the price of their work or labour or the materials, supplied";

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Ottubru 1998 li biha giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' April 2001;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici qed tippretendi li l-konvenut ghandu jaghti is-somma ta' elf mitejn u erba u ghoxrin lira u sittin centezmu (Lm1224.60) bilanc ta' somma akbar prezz ta' servizzi ta' manutenzjoni ta' lift resi mis-socjeta attrici ghal benficcju tal-attur. Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi illi l-ammont pretiz mhux dovut minnu billi l-kuntratt sar mas-socjeta APS Limited li ittrasferiet u assumiet id-debitu ta' Emanuele Delicata Limited;

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet ghandhom jigu akkolti. Mill-banda l-ohra l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ma gewx sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kif sollevati mill-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u erba u ghoxrin lira u sittin centezmu (Lm1224.60) bilanc ta' somma akbar prezz ta' servizzi ta' manutenzjoni ta' lifts ipprovduti mis-socjeta attrici a beneficcju tal-konvenut u dana bl-imghaxxijiet kollha skond il-ligi;

Spejjes kollha kontra l-konvenut.